A.L. 181 ta' l-1994

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

REGOLAMENTI TA' l-1994 DWAR IL-KORS LI JWASSAL GĦALL-GRAD TA' *MAGISTER JURIS IN EUROPEAN AND COMPARATIVE LAW - M.JUR.*

BIS-SAĦĦA tas-segħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att.

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Kors għall-Grad ta' *Magister Juris in European and Comparative Law - M.Jur.*.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Magister Juris in European and Comparative Law - M.Jur.;*

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' *Magister Juris in European and Comparative Law - M.Jur.*

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew fl-1994 jew wara.

Kwalifiki għad-Dħul

3. (1)Il-Kandidati għad-Dħul fil-Kors għandhom ikollhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) il-grad ta' LL.D.,

(b) grad ta' Baċillier fil-liġi mill-inqas fit-tieni kategorija,

(ċ) grad ta' Baċillier bl-unuri mill-inqas tat-tieni klassi,

(d) kwalifiki ekwivalenti minn din l-Università jew università oħra magħrufa mill-Università ta' Malta għal dan il-għan.

(2) Id-dħul ta' kandidat li l-ewwel grad tiegħu ma jkunx fil-liġi jista' jiġi kkundizzjonat skond kif jirriżulta minn intervista u bil-ħtieġa li l-kandidat isegwi żjieda ta' korsijiet universitarji bil-ħsieb li jipprovdu s-sisien meħtieġa sabiex il-kandidat ikun jista' jtemm il-Kors.

It-Tul tal-Kors

4. Il-kors ta' studju għall-Grad ikun ta' sena akkademika *full time* jew ekwivalenti.

Il-Kors ta' l-istudji

5. (1) Il-kors ta' l-istudji għall-Grad għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mhux inqas minn 8 kredti jkunu assenjati flimkien ma' teżi.

(2) Katalgu tat-taqsimiet studju flimkien mal-kredti assenjati għal kull waħda għandu jiġi ppublikat qabel il-bidu ta' kull sena akkademika. Kandidat ma jistax jirreġistra għal aktar minn 10 kredti.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi jista' jħalli kandidat jikseb il-Grad b'teżi biss. F'każijiet bħal dawn, il-kandidati jistgħu jiġu meħtieġa mill-Bord tal-Fakultà jattendu korsijiet rilevanti għall-qasam ta' riċerka propost.

Xogħol tal-Kors u eżamijiet relattivi mat-taqsimiet studju

6. (1) Waqt il-kors ta' l-istudji, il-kandidati għandhom jingħataw xogħol tal-kors li jiġi vvalutat. Ikunu jridu wkoll jgħaddu minn eżami f'kull taqsima studju. L-eżamijiet rilevanti għat-taqsimiet studju kollha għandhom isiru fi tmiem is-sena.

(2) Il-valutazzjoni tax-xogħol tal-kors għandu jgħodd ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-marka finali ta' kull taqsima studju filwaqt li l-marka ta' l-eżami għandha tikkonstitwixxi l-ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) l-oħra tal-marka finali ta' kull taqsima studju.

(3) Grad finali għandu jingħata għal kull taqsima studju u għall-eżamijiet. Kandidat li jeħel f'mhux aktar minn suġġett wieħed b'marka ta' mhux inqas minn erbgħin fil-mija (40%) għandu jitħalla jagħmel riparatorju ta' dak is-suġġett.

(4) Kandidat li jeħel f'aktar minn suġġett wieħed, jew li jeħel f'suġġett wieħed b'marka inqas minn erbgħin fil-mija (40%), jew li jeħel fl-eżami riparatorju jkun meqjus li weħel definittivament.

It-teżi

5. (1) It-teżi hi element obligatorju fil-Kors.

(2) It-teżi ma tistax tkun itwal minn 25,000 kelma fuq suġġett propost mill-kandidat u approvat mill-Kap tad-Dipartiment tal-Liġi Ewropea u Komparattiva . Għandha tagħti prova ta' riċerka independenti u tikkostitwixxi kontribuzzjoni oriġinali għas-suġġett.

(3) Il-kandidat għandu jippreżenta proposta bil-miktub tas-suġġett tat-teżi mhux aktar tard minn tliet xhur mill-bidu tas-sena akkademika rilevanti msemmija fir-regolament 4.

(4) Kif tiġi approvata l-proposta tat-teżi, il-kandidat għandu jiġi assenjat superviżur li għandu jkun membru tal-Fakultà tal-Liġi.

(5) It-teżi għandha tiġi sottomessa mhux aktar tard mit-tmiem tas-sena akkademika rilevanti.

(6) Il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jagħti estensjoni lill-kandidat tad-data għas-sottomissjoni kif imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan f'dan ir-regolament.

(7) It-teżi għandha tiġi eżaminata minn Bord ta' Eżaminaturi maħtur mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi.

(8) Il-kandidat għandu jissottometti 8 kopji tat-teżi u jiddikjara bil-miktub li t-teżi hi kollha kemm hi xogħlu u tikkonforma mal-ħtiġijiet tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament.

(9) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jiġi msejjaħ miċ-*Chairman* tiegħu biex jiddiskuti t-teżi. Il-kandidat jista' wkoll jiġi meħtieġ joqgħod għal eżami *viva voce* biex jiddefendi t-teżi tiegħu.

(10) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' japprova t-teżi. Jista' jeħtieġ li l-kandidat jikkoreġi t-teżi jew biex jerġa' jiktibha mill-ġdid fi żmien iffissat. Il-Bord jista' ma jilqax it-teżi għal kollox.

(11) Kandidat, li t-teżi tiegħu ma tkunx ġiet milqugħa jew li l-korrezzjonijiet jew il-kitba mill-ġdid tagħha ma jiġux meqjusa xierqa biżżejjed jew li ma jkunx issottometta t-teżi tiegħu fiż-żmien iffissat, m'għandux jingħata l-Grad.

Klassifikazzjoni u l-għoti tal-Grad

8. (1) Kandidat li jgħaddi mill-valutazzjonijiet kollha tax-xogħol tal-Kors, mill-eżamijiet kollha bil-miktub u mill-eżami tat-teżi jew, meta il-kandidat ikun ġie mħolli jikseb il-Grad bit-teżi biss, li x-xogħol tiegħu fit-teżi jkun meqjus ta' mertu suffiċjenti, għandu jingħata l-Grad. L-għoti għandu jiġi klassifikat bħala Għadda b'Distinzjoni, Mertu jew Għadda, skond ir-riżultat ġenerali miksub.

(2) L-ismijiet tal-kandidati li jkunu għaddew għandhom jiġu ppubblikati fuq l-avviżiera ta' l-Università f'ordni alfabetiku kif ukoll fl-ordni tal-klassifikazzjoni miksuba.